MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-2 ta' Settembru, 2013

Numru. 1000/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edmond Cuschieri)**
**(Spettur Christopher Pullicino)**

**vs**

**DANIELE AQUILINA**
**-OMISSIS-**
**-OMISSIS-**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Daniele Aquilina, 19-il sena, bin missier mhux maghruf u Mary Rose Aquilina, imwieled nhar id-19 ta' Settembru 1993, u detentur ta' karta tal-identita bin-numru 568393M u residenti Ghorfa, Triq Sir Ugo Mifsud, Ta' Xbiex

U

-Omissis-

U

-Omissis-

Gew akkuzati talli nhar il-28 ta' Settembru 2012 ghall-habta tad-7.00 ta' filghodu gewwa l-lokalita' ta' San Pawl il-Bahar ikkomettew serq ta' choker tad-deheb, liema serq hu aggravat bil-vjolenza u bil-valur ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) liema serq sar ghad dannu ta' Ruzarju Briffa u/jew persuna/i ohra;

Lil Daniele Aquilina wahdu akkuzat ukoll talli:

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kiser il-provedimenti ta' zewgt digrieti tal-ghoti ta' l-liberta provizorja moghtija mil-Qorti tal-Magistrati fil-konfront tieghu nhar il-15 ta' Dicembru 2011 u nhar il-21 ta' Frar 2012 mill-Magistrat Dr A. Micallef Trigona LL.D u l-Magistrat Dr Edwina Grima LL.D rispettivament.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kiser il-provedimenti ta' l-artiklu 7 u 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta ta' sentenza datata 06 ta' Jannar 2010 fejn hu kien gie misjub hati ta' reat u lliberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi irrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50, u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali u li jinsabu a fol. 117 tal-Process u nnutat li l-imputat Daniele Aquilina m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Fis-Seduta tallum l-imputat Daniele Aquilina iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat Daniele Aquilina bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat Daniele Aquilina wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ispettur Chris Pullicino ghall-Prosekuzzjoni ddikjara li l-Prosekuzzjoni ma tinsistix li l-Qorti tordna li d-depositi u garanziji personali li jirrigwardaw il-ksur tal-Provvedimenti ta’ zewg Digrieti tal-ghoti tal-liberta’ provizojra moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fil-konfront tieghu nhar nhar il-15 ta’ Dicembru, 2011 u nhar il-21 ta’ Frar, 2012 mill-Magistrat Dr A. Micallef Trigona LL.D. u l-Magistrat Dr Edwina Grima LL.D. rispettivament jghaddu favur il-Gvern ta’ Malta u konsegwentement talab li l-Qorti tastjeni milli taghti tali Provvedimenti.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum id-Difiza u u l-Prosekuzzjoni ddikjaraw li jaqblu li huma konsapevoli li l-imputat Daniele Aquilina kien jaghmilha ma’ kumpanija hazina li wasslitu fejn wasslitu u ghaldaqstant umilment jissuggerixxu li l-Qorti tikkunsidra l-possibbilta’ li l-imputat Daniele Aquilina jitpogga taht tordna Ordni ta’ Probation sabiex ma jkunx hemm ripetizzjoni da parti tal-imputat Daniele Aquilina ta’ reati simili.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 31, 261(a), 261(c), 262(1)(b), 262(2), 267, 276, 276A, 277(a), 279(a), 280(2), 579(2), 49, 50 u 289

tal-Kap. 9 u l-artikoli 7, 22 u 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Daniele Aquilina, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu, u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz dak dikjarat mid-Difiza u l-Prosekuzzjoni fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, tiddeciedi ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta li tpoggi lill-imputat Daniele Aquilina taht Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin millum u dan bil-ghan li l-imsemmi imputat Daniele Aquilina jkun assistit sabiex ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili u inoltre tikkundanna lill-imsemmi imputat Daniele Aquilina ghall-piena ta' elf u hames mitt Ewro (Ewro 1500) multa.

Stante li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ispettur Chris Pullicino ghall-Prosekuzzjoni ddikjara li l-Prosekuzzjoni ma tinsistix li l-Qorti tordna li d-depositi u garanziji personali li jirrigwardaw il-ksur tal-Provvedimenti ta' zewg Digrieti tal-ghoti tal-liberta' provizorja moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fil-konfront tieghu nhar nhar il-15 ta' Dicembru, 2011 u nhar il-21 ta' Frar, 2012 mill-Magistrat Dr A. Micallef Trigona LL.D. u l-Magistrat Dr Edwina Grima LL.D. rispettivament jghaddu favur il-Gvern ta' Malta u konsegwentement talab li l-Qorti tastjeni milli taghti tali Provvedimenti, il-Qorti tilqa' it-talba u tastjeni milli taghti tali Provvedimenti.

Inoltre nkwantu ghall-akkuza migjuba kontra l-imputat Daniele Aquilina li tirrigwarda il-ksur ta' provedimenti ta' zewgt digrieti tal-ghoti ta' l-liberta provizorja moghti fil-konfront tal-imputat Daniele Aquilina nhar il-15 ta' Dicembru, 2011 u nhar il-21 ta' Frar, 2012 mill-Magistrat Dr A. Micallef Trigona LL.D. u l-Magistrat Dr Edwina Grima LL.D. rispettivament, il-Qorti tirrevoka 'contrario imperio' id-digriet tal-helsien mill-arrest tal-imsemmi imputat Daniele Aquilina hawn fuq riferiti u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi Daniele Aquilina.

Il-Qorti tordna li d-Digriet anness ma’ din is-Sentenza dwar il-kundizzjonijiet tal-Probation Order jifforma parti integrali minn din is-Sentenza.

Il-Qorti tordna n-notifika ta’ kopja ta’ din is-Sentenza u tad-Digriet anness ma’ din is-Sentenza lid-Direttur tal-Probation Services sabiex dan jassenja Ufficjal tal-Probation lill-imputat Daniele Aquilina.

L-Ufficjal tal-Probation assenjat ghandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-imsemmi Daniele Aquilina kull sitt (6) xhur.

Inoltre il-Qorti tat lill-imputat Daniele Aquilina l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Finalment il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-Sentenza tigi notifikata lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali (Malta).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------